MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2012

Numru. 892/2010

**Il-Pulizija**
**Spettur Alexander Paul Miruzzi**

**Vs**

**Raymond Agius**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Raymond Agius ta' 50 sena iben Francis u Maria xebba Fenech imwieled Lija fl-4 ta' Frar 1959 u residenti 45, Triq il-Ghasel, Mosta u detentur tal-karta tal-identita' numru 158059(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Fl-24 ta' Novembru 2009 fil-ghodu fl-inhawi ta' Burmarrad u is-Salina volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli li teccedi l-elf u mitejn euro (Euro 1,200) ghad-detriment ta' Kevin

Mallia u dan bi ksur tal-artikoli 325 (1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi qatel annimal domestiku jew li kien gie iddomestikat u dan bi ksur tal-artikolu 13(1) tal-Kap. 439 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ikkaccja fuq ghasfur imhares bil-ligi u dan bi ksur tal-A.L. 79 ta' l-2006.

Kellu diversi tajr imhares bil-ligi mhux registrat mad-Direttur.

Il-Qorti kienet mitluba li barra l-piena skond il-ligi tordna is-sospenzjoni tal-licenzji tal-kacca tal-imputat ghall-mhux anqas minn sena kif ukoll tikkonfiska l-oggetti ezebiti.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 24 ta' Awwissu 2010 (esebit a fol. 5 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-12 ta' Novembru 2010 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat is-sottomissjonijiet maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti ta' dan il-kaz jirrigwardaw qtil permezz ta' sparatura ta' ghasfur tal-ispeci paletta jew African Spoonbill li kien propjeta' tal-parti civili Kevin Mallia liema sparatura sehhet fl-24 ta' Novembru 2009 ghall-habta tas-6.30am. Kevin Mallia li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-12 ta' Novembru 2010 u waqt dik tat-3 ta' Marzu 2011 spjega li huwa l-propjetarju ta' bird park li

jinsab Burmarrad u li fil-gurnata in dizamina kien qed itajjar il-paletta sabiex jitrenjah wara l-park u kien qieghed fuq is-saqaf tal-garaxx qed josserva l-movimenti tal-ghasfur meta ra lill-imputat jaghti tlett tiri lejn il-paletta minn gewwa d-dura tieghu izda ma laqathiex. Mallia jghid li huwa nizel jigri u mar sabiex jigbor il-paletta izda din kienet imbezza' hafna u ma hallitux jigborha u huwa cempel lil habib tieghu sabiex igiblu kopp sabiex ikunu jistghu jigbru l-ghasfur u waqt li kien qed jistenna vicin l-ghasfur gie jigri l-imputat u ta tir *at very close range* fuq l-ghasfur u qatlu. Mallia jghid li huwa beda' jghajjat u jwerzaq u l-imputat irrispondih billi qallu 'mela hawn kollox tieghek' u telaq jigri. Mallia jkompli jispjega li huwa beda jigri wara l-imputat u jcempel lil Pulizija fl-istess hin izda l-imputat baqa' jigri u meta gew il-Pulizija fuq il-post u huwa beda' jisma lil Mallia jaghti d-direzzjonijiet beda' jbiddel id-direzzjonijiet sabiex il-Pulizija ma jsibuhx u jghid lil Mallia li jekk jaqbduh il-Pulizija kien ser ipattihielu. Mallia spjega li l-ghasfur kien protett u twieled fil-bird park tieghu. Huwa esebixxa dokument inserit a fol. 15 tal-process li jindika li l-valur tal-paletta huwa ta' €2375. Mix-xhieda ta' Stanley Gatt[1], li assista lil Pulizija meta saret tfittxija fir-residenza tal-imputat, u mid-dokumenti minnu esebiti rrizulta li l-paletta kellha curkett maghluq f'saqajha li kien jindika li l-istess paletta kienet imrobbija fil-maqful. Mix-xhieda tal-istess Stanley Gatt kif ukoll mix-xhieda ta' PS 305 Alfred Gauci li xehed fl-udjenza tal-15 t'April 2011 jirrizula li meta saret tfittxija fir-residenza tal-imputat instabu hafna ghasafar ibbalzmati li ghoxrin minnhom ma kienux registrati mal-Awtoritajiet koncernati u dawn l-ghasafar gew konfiskati skond ma jirrizulta mill-ircevuta mmarkata bhala Dok. AG1 inserita a fol. 89 tal-atti processwali.

Ikkunsidrat:

Illi fl-24 ta' Novembru 2009 l-imputat irrilaxxja stqarrija[2] fejn qal li dakinhar huwa kien mar ghall-kacca fl-ghalqa tieghu ghall-habta tal-5.30am u kien spara tlett tiri fuq pluviera izda ma laqathomx u tir fuq gallina li wkoll ma

[1] Li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-14 ta' Jannar 2011.
[2] Inserita a fol. 96 tal-atti processwali.

laqathiex. Huwa qal li spara t-tlett tiri fuq il-pluviera xi hames minuti qabel ma gie Kevin Mallia fuqu. Huwa qal ukoll li ra lill-paletta l-ewwel darba x'hin kien qed ifittex il-gallina. Huwa jghid li ra kaccatur iehor jispara lil paletta u spjega li kien telaq minn fuq il-post qabel ma gew il-Pulizija sabiex imur ifittex il-pluvieri.

Ikkunsidrat:

Illi f'dawn il-proceduri l-imputat qed jigi akkuzat bir-reat ta' hsara volontarja li teccedi l-elf u mitejn Ewro ghad-detriment ta' Kevin Mallia (l-ewwel imputazzjoni), kif ukoll bi qtil ta' annimal domestiku jew addomestikat (it-tieni imputazzjoni), bl-ikaccjar ta' ghasfur protett mill-ligi u li kellu diversi tajr imharsa mill-ligi mhux registrati. Il-Qorti jidrilha li mix-xhieda ta' Kevin Mallia u mill-provi l-ohra migjuba mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz kemm l-ewwel (1) kif ukoll it-tieni (2) imputazzjoni jirrizultaw pruvati lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Qabel xejn jinghad li l-Qorti li kellha l-opportunita' tisma' lil Kevin Mallia jixhed viva voce quddiemha ma ghandha l-ebda dubju dwar il-kredibilita' tal-istess xhud liema xhud jghid li meta kien fuq il-bejt tal-garaxx tieghu qed jitrenja l-paletta in dizamina ra lill-imputat jispara tlett tiri mid-dura tieghu lejn il-paletta minghajr ma jolqotha u imbaghad wara li huwa kien mar jigri hdejn l-ghasfur u kien qed jistenna lil siehbu gej bil-kopp sabiex jaqbad l-ghasfur li kien imbezza hafna minhabba it-tiri li spara l-imputat, ra lil dan tal-ahhar jigi hdejh u minn vicin hafna jaghti tir lejn l-ghasfur u joqtlu. L-imputat fl-istqarrija minnu rilaxxjata jghid li ma kienx huwa li spara lejn il-paletta izda kien kaccatur iehor. Il-Qorti jidrilha li, li kieku ingabet l-ewwel (1) imputazzjoni abbazi tal-ewwel tlett tiri biss, u cioe li kieku l-paletta inqatlet bl-ewwel tlett tiri sparati mill-imputat il-Qorti kien ikollha dubju jekk effettivament l-imputat sparax lejn il-paleltta ghaliex hasibha selvaggja izda meta wiehed iqis li l-imputat wara li spara lil paletta u ma laqathiex, imbaghad mar jigri ifittixha u meta sabha hdejn Kevin Mallia u seta' jara li din il-paletta kellha c-curkett li kien jindika li kien domestikata huwa xorta wahda ghazel li jisparalha at close range sabiex joqtolha, huwa evidenti li huwa induna li kienet bred u propjeta' ta' Mallia u xorta wahda iddecida

li joqtolha. Il-Qorti tinsab konvinta li l-imputat kellu l-intenzjoni li jikkaguna hsara lil Mallia fil-mument li spara lejn il-paletta at close range. Dan jinghad anki ghaliex wara li spara lejn il-paletta u qatilha u sema' lil Mallia jghajjat huwa qallu 'mela hawnhekk kollox tieghek' u imbaghad prova jahrab minn fuq il-post. Ghall-istess ragunijiet il-Qorti jidrilha li jirrizulta pruvat sal-grad rikjest mill-ligi li l-imputat ikkacja annimal domestikat ghaliex irrizulta li huwa spara mill-vicin hafna u seta' jikkonstata li l-ghasfur kellu c-curkett u l-fatt li meta spara kien hemm Mallia hdejn l-ghasfur kif ukoll il-kliem li qal lil Mallia immedjatament malli spara jindikaw li huwa kien jaf min hu Mallia u li huwa kien il-propjetarju tal-bird park li kien hemm biswit l-ghalqa u li dan kien il-propjetarju tal-paletta li kien hemm imbezza qrib tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi in kwantu jirrigwarda t-tielet (3) imputazzjoni, l-Qorti taqbel ma dak sottomess mid-Difiza li l-AL 7/2006 jirreferi ghal tajr selvagg u ghalhekk il-provvedimenti tal-imsemmi Avviz Legali ma jistghux jitqiesu li japplikaw ghal ghasafar li huma domestikati. Isegwi ghalhekk li l-imputat ma jistghax jinstab hati tat-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti jidrilha li minn imkien mill-provi ma jirrizulta li l-ghoxrin ghasfur indikati minn Stanley Gatt u misjuba fil-pussess tal-imputat ma kienux registrati mad-Direttur. F'dan ir-rigward il-Prosekuzzjoni qed tibbaza fuq ix-xhieda ta' Stanley Gatt li xehed li waqt li kienet qed issir tfittxija fir-residenza tal-imputat dan tal-ahhar stqarr mieghu li missieru, minghand min huwa kien wiret dawn l-ghasafar ma kienx irregistra l-istess ghasafar. Il-Qorti taqbel ma dak sottomess mid-Difiza f'dan ir-rigward u cioe' li dak li qal l-imputat lil Stanley Gatt ma tistghax titqies bhala prova ammissibbli ghaliex huwa ma inghatax l-opportunita' li jkellem avukat qabel ma kellem lil Stanley Gatt u qallu affarijiet li setghu jinkriminawh. Ir-raba; imptuazzjoni (4) ghalhekk ma tisghax titqies li giet pruvata

sal-grad rikjest mill-ligi u l-imputat sejjer ghalhekk jigi liberat minha.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ghandu fedina penali kwazi netta u jidrilha li fic-cirkostanzi ghandha timponi piena karcerarja sospiza bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28H sabiex il-vittma Kevin Mallia jigi rimborsat tad-dannu li huwa sofra.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 325(1)(a) u 17 tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-Artikolu 13(1) u 48(1) tal-Kap. 439 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah tlettax (13) il-xahar prigunerija li b’applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perijodu ta’ sentejn (2) millum u multa ta’ hames mitt Ewro (€500). Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tat-tielet (3) u tar-raba’ (4) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjonijiet.

B’applikazzjoni tal-Artikolu 28H tal-Kodici Kriminali l-Qorti tikkundanna lill-imputat sabiex sa zmien sitt (6) xhur millum ihallas lil Kevin Mallia s-somma ta’ elfejn tlett mija u hamsa u sebghin Ewro (€2375.00).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------